MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2007

Avviz Numru. 308/2005

**Emanuel Zammit ID 509236M**

**Vs**

**Sergio Curmi**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun ikkundannat li:

1. jizgombra d-dghajsa tal-konvenut mill-boatyard bl-isem “Holma”, St. Rocco Street, Kalkara u dan billi tilef kull dritt li javvalixxi ruhhu mill-magazzinagg ta’ l-imsemmi dghajsa fil-boatyard fuq imsemmija in vista tal-ksur ta’ l-obbligi imposti fuq il-konvenut.
2. ihallas is-somma ta’ mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin (Lm123) rappezentanti kera dovuta mill-konvenut ghat-terminu li ghalaq f’Jannar tas-sena 2005.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat dak verbalizzat a fol 14 tal-atti waqt is-seduta tal-1 ta' Novembru 2006 kif ukoll dak a fol 18 waqt is-seduta tat-18 t'April 2007.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi jigi rilevat li:-

a) Il-konvenut, avolja debitament notifkat bl-avviz in esami (ara fol 12 "a tergo") naqas milli jidher quddiem il-Qorti sabiex, b'xi mod, jikkontesta t-talbiet attrici.
b) Kif risultanti a fol 18 tal-atti, il-konvenut hallas is-somma, pretiza fl-avviz, ammontanti ghal Lm123 u dan fil-mori ta' din il-kawza. S'intendi fuq l-istess somma ghadu dovut l-imghax legali dekorribbli mid-data tal-presentanta tal-istess avviz cjoe mill-24 ta' Mejju 2005.
c) Dwar l-ewwel talba xehed l-istess attur waqt is-seduta tat-18 ta'Gunju 2007 u a basi tal-istess xhud jidher evidenti anke fin-nuqqas ta' xi kontestazzjoni illi din it-talba ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzoni ulterjuri tat-tieni (2) talba, tilqa' l-ewwel talba attrici u tordna u tikkundanna lill-konvenut sabiex sat-2 ta' Awissu 2007, sabiex jizgombra d-dghajsa tieghu mill-"boatyard" bl-isem "Holma" St Rocco Street, Kalkara u dan billi tilef kul dritt li tipprevalixxi ruhu mill-magazzinagg tal-imsemmija dghajsa fil-"boatyard" fuq imsemmi in vista tal-ksur tal-obbligi imposti fuqu. Inoltre tikkundanna lill-istess konvenut sabiex jhallas l-imghax legali mill-24 ta' Mejju 2005 sad-data ta' meta sar il-pagament effettiv kuf ukoll l-ispejjes ta' din il-procedura.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------